# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

It-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fin-12.30pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Jonathan Mercieca - Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

### 10.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija u kulħadd kien preżenti.

### 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi ordnajna spring rider ġdida għal Ġnien il-Familja.

10.3.2 Is-Sindku qal illi x'ħin ġejna biex jibdew ix-xogħolijiet fuq il-proġett t'Għar Ilma, il-Perit saret taf illi taħt it-triq huwa vojt u għalhekk ma jistgħax isir taħmil. Għaldaqstant, il-proġett ser isir mit-triq 'l fuq mingħajr taħmil.

10.3.3 L-iskola Santa Tereża talbu sabiex il-Kunsill jgħinhom billi jipprovdi 50 qagħqa tal-għasel biex iqassmuhom l-istudenti lill-anzjani Ta' Kerċem waqt xi żjajjar li ser ikunu qed jagħmlu. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

10.3.4 Il-Kunsill tat-Tfal ser ikun qed iżomm il-laqgħat li ġejjin nhar id-19 ta' Diċembru 2024 u 28 ta' Jannar 2025.

10.3.5 Is-Sindku ppreżenta ittra ta' Kercem Ajax FC illi qed jitolbu sabiex tinqaleb id-devoluzzjoni ta' parti mill-kmamar li hemm fejn il-Playing Field u jiġu fuq isem il-Kercem Ajax FC. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li l-kmamar ta' wara jistgħu jiġu devoluti lill-Kercem Ajax FC dejjem wara li jagħmlu talba lill-Awtorita' tal-Artijiet u tiġi approvata. Il-Kunsill ser iżomm iż-żewġt ikmamar ta' quddiem bħala Public Convenience.

10.3.6 Irċevejna ittra mingħand is-Surmast tal-iskola Primarja Peter Paul Grech fejn qed jissuġġerixxi illi ma jinqatgħax ħaxix ħażin bejn Ottubru u Mejju bħala parti minn kampanja favur in-naħal. Ġie diskuss illi din ser tkun problema peress li ser ikun hemm ħafna lmenti mir-residenti għalkemm is-Surmast lest li jibgħat l-istudenti ifhiemu lir-residenti fiex tikkonsisti din il-kampanja. Il-Kunsillier Horace Vella ssuġġerixxa illi nistgħu naħdmu b'mod differenti fejn tinċentiva bdiewa li għandhom l-għelieqi li jkunu jistgħu jiżirgħu, bħal per eżempju s-silla, sabiex inkunu qed ngħinu lin-naħal b'mod ieħor. Hawnhekk, ġie deċiż li nitolbu laqgħa mas-Surmast sabiex niddiskutu dan. Is-Surmast talab ukoll illi l-Kunsill jipprovdi x'imkien fejn l-istudenti jkunu jistgħu ixettlu xi fjuri għan-naħal. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u ser nissuġġerixxu l-ġnien endemiku ta' Triq il-Gamiem.

10.3.7 Il-Kunsill ircieva talba mill-Għaqda Nar u Armar 13 ta' Diċembru għas-somma ta'

Eur600 għall-attivita' tat-tfal tar-raħal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Santa Luċija. Hawnhekk is-Sindku spjega illi xi jiem ilu rċieva messaġġ mingħand persuna minn Santa Luċija u li aktarx il-Kunsilliera rċevew l-istess messaġġ ukoll. Huwa żied jgħid li min bagħat dan il-messaġġ beda jgħid li r-residenti ta' Santa Luċija huma meqjusin bħala tat-tieni klassi fost ħafna allegazzjonijiet oħrajn. Is-Sindku spjega illi dan il-persuna lanqas qiegħed fl-Għaqda Nar u Armar 13 ta' Diċembru u għalhekk is-Sindku stqarr li mhux ser jagħti każ il-messaġġ. Għalhekk saret id-diskussjoni dwar it-talba tal-fondi iżda ma sarx qbil li jingħataw dawn il-fondi. Is-Sindku qal li huwa diġa talab laqgħa mal-Għaqda konċernata u għalhekk ser jiġi diskuss aħjar dakinhar.

10.3.8 Il-Kunsill talab għal estensjoni tal-proġett ta' Għar Ilma – Miżura 3 – sal-aħħar ta' Marzu 2025 u ġiet aċċettata.

10.3.9 Dwar il-problema ta' kif ser jitħallas il-kuntrattur Powersound, għalkemm għad m'għandniex invoices tiegħu, tlabna parir u gwida ta' kif għandu jimxi l-Kunsill f'każ bħal dan. Tlabna direzzjoni mingħand il-Managing Authority, ARPA u d-Dipartiment għal Gvern Lokali iżda ħadd ma tana direzzjoni s'issa.

10.3.10 Is-Sindku qal li tlabna lill-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar sabiex jinfurmawna jekk hemmx il-ħsieb li jibdew ix-xogħolijiet fuq ir-rotta tat-trakkijiet, fuq il-proġett ta' Triq San Girgor, u fuq Triq Klula. Il-Kunsillier Jonathan Mercieca qal li huwa nfurmat illi ser toħroġ l-offerta fuq ix-xogħolijiet ta' Triq Klula.

10.3.11 Irċevejna l-allokazzjoni għas-sena 2025 u din ser tkun ta' Eur315,356.

10.3.12 Is-SE ippreżentat l-aħħar żewġ rapporti finanzjarji u dawn ġew approvati u ffirmati.

## 10.4 Ħarsa lejn Notte Natalizia 2024

Is-Sindku qal li għalkemm ma kienetx xi attivita' kbira, huwa jħossu sodisfatt ħafna illi l-għaqdiet irnexxielhom jaħdmu flimkien u rringrazzjahom tax-xogħol tagħhom.

## 10.5 Bankijiet u xogħolijiet li qed isiru mingħajr il-konoxxenza tal-Kunsill Lokali

Is-Sindku qal li saru bankijiet fi Ġnien il-Familja mingħajr il-kunsens tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Jonathan Mercieca qal li huwa diġa' qalulu li xi ħadd mill-Ministeru għandu jkellem lill-Kunsill biex dawn il-bankijiet jinqalgħu mill-istess ħaddiema li poġġewhom, iżda s'issa ħadd ma kkomunika magħna. Saret diskussjoni illi għandhom jitneħħew, jitneħħa l-konkos li ntefa' fi proġett magħmul minn fondi tal-UE u jerġa' jinbena l-ħajt tas-sejjiegħ li tneħħa biex isir il-konkos bħala bażi għal dawn il-bankijiet.

## 10.6 Xogħolijiet fuq Triq Għajn Tuta

## 10.7

Is-Sindku qal li llum qed jitkomplew ix-xogħolijiet fuq Triq Għajn Tuta.

## Ilmenti u Suġġerimenti

10.7.1 Is-Sindku qal li huwa ssuġġerixxa illi bħala sub-post office nibdew inżommu l-pakketti. Il-Maltapost plc għandhom javviċinawna mas-sena l-ġdida.

10.7.2 Is-Sindku qal li saru l-interviews għall-iskema CIES. Ġiet persuna waħda biss li kienet tidher valida iżda l-bord ma setgħax jiddeċiedi peress li kienet persuna waħda biss. Għalhekk ser nitolbu lill-Jobsplus biex ituna lista oħra. Hawnhekk, is-Sindku ssuġġerixxa illi noħorġu vakanza ta' Handyman li jkun fuq skala 16 jew 18 u naraw insibux lil xi ħadd tajjeb li jista' jaqdina fuq xogħolijiet li jkollna ta' kuljum. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

10.7.3 Saret talba mill-iskola Primarja sabiex titbaxxa l-kurduna tar-rampa tal-ground tal-iskola fi Triq Ġużeppi Briffa. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

10.7.4 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca ressaq dawn it-talbiet:

- li jitranġa ħajt ta' għalqa fi Triq il-Ġifna. Ħadd ma oġġezzjoni;
- li jsir double yellow line fi Triq Xuxa. Ħadd ma oġġezzjoni;
- li ssir zebra crossing ġdida fit-tarf ta' Triq Xuxa qabel ma' tidħol għal Pjazza Salvatore Busuttil. Il-membri qablu li ssir.

10.7.5 Il-Viċi Sindku Abigail Micallef talbet illi ssir tabella bi vleġġa mal-palma ta' Triq il-Ġojjin sabiex ikun hemm direzzjoni aktar ċara għat-traffiku. Ħadd ma oġġezzjoni.

## 10.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 10.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-2pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Jannar 2025, fin-12.30pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv